MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1372/2002/1

**Anna Bonello**

**vs**

**Warren Scicluna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' sitt mija u tmintax-il lira Maltin u sittin centezmu (Lm618.60) rappresentanti in kwantu ghal Lm525, dovuta ghal tlett pagamenti tal-bilanc tal-prezz tad-dar mibjugha lill-attur numru 35, Republic Street, Rabat, kif ukoll l-ammont ta' Lm40 bilanc ta' pagament iehor ta' Lm175 ta'l-istess prezz u s-somma ta' Lm48.10 spejjez tal-kawza, avviz numru 442/98JAB, u s-somma ta' Lm5.30 spejjez ta'l-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju 2002, u l-

ammont ta’ spejjez ta’l-attrici konsistenti fid-dritt dovut ghall-kawza u l-ittra ufficjali imsemmija.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-20 ta’ Gunju 2002, fejn huwa eccepixxa:

1. Illi in linea primarja l-ammont mitlub m’huwiex kollu dovut u huwa esagerat.
2. Illi fir-rigward tas-somma ta’ Lm48.10 spejjez tal-kawza avviz numru 442/90JAB, dana l-ammont jekk inhu dovut skond it-taxxa tal-kawza premessa, allura tali taxxa hija titolu ezekuttiv u l-attrici ma kellhiex ghalfejn tiftah il-kawza odjerna sabiex tigbor dana l-ammont u ghalhekk il-konvenut m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ din il-parti tat-talba attrici.
3. Illi l-kawza odjerna hija prematura u intempestiva u dana peress illi l-konvenut qatt ma gie interpellat sabiex ihallas dana l-ammont qabel ma infethet din il-kawza. Fir-rigward ta’l-ittra uffijcali tas-17 ta’ Mejju 2002, sad-data ta’ dina ir-risposta, l-konvenut ghadu mhux notifikat b’tali ittra ufficjali.
4. Illi in effetti, sa ftit granet qabel ma gie notifikat bil-kawza, l-konvenut ghamel zewg pagamenti fuq l-ammont dovut, u qed isegwi ftehim li kien sar bejn il-kontendenti biex l-ammont jithallas f’rati mensili.

Ra l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuta ta’l-inkompetenza *rationae valoris* ta’ dana it-Tribunal, liema eccezzjoni giet sollevata fis-seduta ta’l-10 ta’ Lulju 2002.

Ra s-sentenza parzjali moghtija fid-9 ta’ Ottubru 2002, fejn l-eccezzjoni ulterjuri ta’l-inkompetenza sollevata mill-konvenut giet michuda u gie ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta’l-kontendenti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti, senjatament il-prospett ipprezentat mill-attrici a fol.30 tal-process.

Ikkunsidra,

Illi mill-prospett esebiet mill-attrici a fol.30 tal-process u anke mix-xhieda taghha tad-9 ta’ Gunju 2003, jirrizulta illi l-ammonti illi hija qieghda titlob huma s-segwenti - Lm44.80, li huwa bilanc mill-ammont ta’ Lm525 li qieghda titlob f’dina l-istanza bhala parti mill-prezz ghall-bejgh ta’l-immobbli 35, Republic Street, Rabat, kif ukoll Lm5.50 spejjez ta’ ittra ufficjali datata 17 ta’ Mejju 2002, spejjez ta’ Rgeistru tal-Qorti in konnessjoni mal-kawza deciza fid-9 ta’ Marzu 1995 ammontanti ghal Lm48.10, Lm16 spejjez tal-presenti avviz, Lm115 rappresentanti xi oggetti mkissra mill-konvenut, u Lm20 spejjez ta’ garr ta’l-oggetti mid-dar mibjugha lill-konvenut..

Il-konvenut min-naha tieghu jiddikjara illi hemm ftehim bejn il-partijiet illi huwa ihallas il-bilanc dovut ghall-bejgh ta’ din il-proprjeta f’rati mensili u huwa qieghed josserva dana il-ftehim, anzi huwa jixtieq jaqta’ il-bilanc f’salt, izda l-attrici qieghda topponi ghal dana.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi jirrizulta illi fil-fatt l-ammont li l-attrici qieghda titlob permezz tal-presenti istanza huwa verament esagerat, kif jikkontendi il-konvenut u dana ghaliex mill-provi imressqa mill-attrici stess jirrizulta illi l-uniku ammont li l-konvenut ma hallasx sa issa huwa biss s-somma ta’ Lm44.80, liema ammont kif ikkonfermat bil-gurament mill-attrici (u mhux kontestat mill-konvenut) gie imnaqqas mill-pagamenti effetwati mill-konvenut fl-1 ta’ Marzu 2000 u 21 ta’ Lulju 1995 (Dokumenti a fol.31 u 32 tal-process).

Illi ghar-rigward tas-somma ta’ Lm48.10, dawna jidhru li huma konnessi ma’ kawza ohra deciza mill-Qorti tal-Magistrati Malta (avviz numru 442/90JAB) u kwindi jifformaw parti mill-mertu ta’ dik il-kawza u gew anke decizi fl-istess kawza. Kwindi dawna fihom infushom

huma diga titolu ezekuttiv u ma hemmx bzonn kundanna ohra ghal hlas f'dina l-kawza.

Illi ghar-rigward ta'l-ispejjez ta' dina l-istanza kif ukoll ta'l-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju 2002, dawna ma jistghux jifformaw parti mis-sorte tal-kawza, izda l-istess jigu decizi f'kap separat u cioe' fil-kap ta'l-ispejjez.

Illi finalment l-attrici tikkontendi illi l-konvenut kissrilha xi oggetti proprjeta taghha liema oggetti gew stmati fl-ammont ta' Lm115, oltre li hija inkorriet Lm20 spejjez ghal garr ta'l-istess. Illi mill-avviz imressaq mill-attrici, ma jirrizulta minn imkien illi hija qieghda titlob dana l-ammont u il-kundanna ghal hlas ghal dawn l-oggetti jidher li ma jiffurmax il-mertu ta' dina il-kawza.

Kwindi fid-dawl ta' dawna l-konsiderazzjonijiet it-talba attrici tista' tigi milqugha biss in parte u cioe' ghall-ammont ta' Lm44.80.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa' l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut, jilqa' in parte biss it-talba attrici u jikkundanna il-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' erbgha u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm44.80), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati, in kwantu ghal kwint (1/5) mill-konvenut u erba' kwinti (4/5) mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------